**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Awwissu, 2019

Rikors Kongunt Nru : 146/19AL

**AB**

***u***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie pprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettew :

Illi huma kienu iżżewwġu fil-Knisja tal-Kuncizzjoni, Bormla, fit-tnax (12) Lulju, tas-sena elf disa mija u tnejn u disgħin (1992).

Illi ż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru (elf, mitejn u hmistax tas-sena elf disa mija tnejn u disgħin (1215/1992) - ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

Illi minn dan iż-żwieġ l-esponenti kellhom żewġt itfal, u ċioe` G B li twieled fit-tmienja u għoxrin ta' Frar tas-sena elf disgha mija erbgħa u

disgħin (28/02/1994), illum maġġorenni, u H B li twieled fis-sebgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa (27/02/2005);

Illi l-esponenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottoressa Anne Marie Tonna, datat it-tlieta ta' Awwissu, tas-sena elfejn u sittax (03/08/2016) kopja awtentikata tal-istess qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. B;

Illi ukoll il-partijiet ilhom ma jgħixux flimkien għal perjodu kontinwat ta' iktar minn erba` (4) snin, peress illi ilhom jgħixu separatament sa minn Diċembru tas-sena 2013;

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll illi fil-kuntratt ta' separazzjoni , senjatament fil-klawzola numru disa (9) tal-istess, huma kienu ftehmu illi jirrinunzjaw għad-dritt illi jirċievu kwalunkwe manteniment mingħand xulxin, għalhekk ma hemm ebda pendenza jew pretensjoni rigward matneniment;

Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju;

Illi huma jixiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul. Ghal dan il-għan huma qegħdin jiddikjaraw ukoll bil-gurament li qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukati sottoskritti flimkien jew lil xi wiehed minnhom biex jirrapprezenta lit-tnejn li huma f'dawn il-proċeduri;

Talbu li din il-Qorti jogħġobha tawtrorizza u tippronunzja d-divorzju bejn A B u C D u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66A *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' April, 2019;

Rat l-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ppruvaw illi huma ilhom legalment separate mit-3 ta' Awwissu, 2016 u ilhom ma jghixux flimkien ghal perjodu kontinwat ta' iktar minn erba` (4) snin, peress illi ilhom jghixu separatament sa minn Dicembru tas-sena 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorenti ppruvaw wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqaċ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.